# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 25 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 26.**
**Citazz. Nru. 1892/00 JRM**

**Frances mart Henry PSAILA, Yvonne mart Saviour AQUILINA, Eunice GRIMA, Charles CUTAJAR bhala prokuratur tal-imsiefer Maurice NAVARRO, Frank SAMMUT, Teresina SAMMUT u l- Prokuratur Legali John PRIVITERA bhala prokuratur/mandatarju ta' l-assenti Edwige, Leslie, Godfrey u Leonard ahwa PSAILA**

**vs**

**Tessie ZARB COUSIN, Avukat Dottor Joseph ZARB COUSIN, Edward ZARB**

**COUSIN u Wilfred ZARB COUSIN.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih l-atturi wara li ppremettew:

Illi l-atturi qua sidien tal-hanut 68 gia 63A Tower Road, Sliema, nnotifikaw b'ittra ufficjali datata 25 ta' Jannar 1999, lill-konvenuti biex b'effett mill-iskadenza tad-9 ta' Frar, 1999, il-kera tal-fond imsemmi lokat lill-konvenut jigi awmentat ghar-rata ta' kera annwali ta' tlett mija u hamsa u sittin lira maltin (Lm365) fis sena;

Illi l-konvenuti naqsu li jottemperaw ruhhom mad-dispost tal-ligi a tenur tal-Artikolu 14 (2) tal-Kapitolu 69 galadarba l-kera attwali tal-fond de quo teccedi l-erbghin lira maltin (Lm40) fis-sena;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti naqsu milli jottemperaw ruhhom mad-dispost tal-Artikolu 14 (2) tal-Att dwar it-Tigdid tal-Kiri ta' Bini;

2. Timponi fuq il-konvenuti terminu qsir u perentorju biex jaghmlu l-procedura opportuna quddiem il-Bord li Jirregola l- Kera a tenur tal-precitat dispost tal-ligi; u

3. Biex fin-nuqqas li jaghmlu dan fiz-zmien lilhom koncess iz-zieda pretiza mill-istanti titqies li giet accettata mill-konvenuti inkwilini tal-hanut 68 gia 63A Tower Road, Sliema.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar 1999 u tal-ittra legali tad-29 ta' Mejju 2000, kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-Avukat ta' l-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba ta' l-atturi** kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti; u ghall-finijiet tat-tieni (2) talba tipprefiggi zmien ta' xahar kalendarju millum biex l-istess konvenuti jottemperaw ruhhom mal-ligi, u tiddikjara li fin-nuqqas li huma jaghmlu dan, il-kondizzjonijiet imsemmija mill-atturi fl- ittra ufficjali taghhom tal-25 ta' Jannar, 1999, jidhlu fis-sehh.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**25 ta' Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**25 ta' Jannar, 2001.**

*25 ta' Jannar, 2001.*